MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2012

Numru. 149/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOHANN J. FENECH**

**VS**

**CHARLES SCIBERRAS**
**LIZA PACE**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Charles Sciberras, detentur tal-karta tal-Identita` numru 324775 (M), u l-imsemmija Liza Pace, detentrici tal-Karta tal-Identita` 302775 (M).

**Akkuzati talli:**

1. Attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta` xort’ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra

WPC 327 A. Vella u PS 1220 C. Baldacchino, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta` ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita` kompetenti;
2. Ingurjaw, jew heddew jew ghamlu offiza fuq PS 1220 C. Baldacchino, persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt lli kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra il-Ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz;
3. M'obdewx l-ordnijiet legittimi tal-Awtorita` jew ta` persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallewhomx jew fixkluhom waqt il-qadi ta` dmirijiethom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmirijiethom, billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li b'Ligi jkun ordnat jew jista` jaghmel, jew billi jgibu fix-xejn jew ihassru dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi;
4. Kisru volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat il-kunsens tal-AG tat-22 ta` Frar, 2010;

Wara li rat l-Artikoli 96, 95, 338 (ee), 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Illi din il-kawza tikkoncerna incident illi l-imputat u s-siehba tieghu, Liza Pace, kellhom mal-Pulizija gewwa Rahal Gdid fil-21 ta` Frar, 2010. Huma kienu akkuzati ai termini tal-Artikoli 95, 96, 338 (ee) u 338 (dd).

Illi wara li ntalbet separazzjoni tal-gudizzju Liza Pace ammettiet l-involviment taghha f'dan l-incident quddiem il-Magistrat Dottor Consuelo Scerri Herrera u inghatat sentenza sospiza ta` erba` (4) xhur sospizi b'sentejn (2) ai termini tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta fit-22 ta` Frar, 2010.

Illi l-Qorti fil-konfront tal-imputat odjern semghet is-sussegwenti xhieda in konferma tal-akkuzi addebitati:

1. Spettur J.J. Fenech;
2. Dr. Renzo Degabriele;
3. PS 1220 Chris Baldacchino li xehed li laqqat daqqa go wiccu / imniehru minghand l-imputat;
4. WPC 237 Antonella Vella;
5. PC 213 Nicolai Borg;
6. PC 1319 Matthew Xuereb;
7. Supt. Carmelo Bartolo li kkonferma l-akkuza ta` recidiva fil-konfront tal-imputat billi kkonferma sentenza tal-Qorti ppreseduta mill-Magistrat Dottor Antonio Mizzi esibita f'dawn l-atti mill-iSpettur J. J. Fenech li ggib id-data tas-16 ta` Gunju, 2004, li kienet tinvolvi serq li ghalih Charles Sciberras kien instab hati;
8. PC 642 Joseph Camilleri li kien biss xhud tal-istqarrija.

Illi minn dawn il-provi prodotti, jirrizultaw sodisfacentement l-akkuzi li gew migjuba mill-Prosekuzzjoni sa certu grad.

Illi dina l-Qorti semghet ukoll lill-imputat bil-gurament meta xehed fis-6 ta` Lulju, 2011. Huwa jinforma lill-Qorti illi, meta gara dan l-imcident huwa kellu mieghu lit-tifla z-zghira tieghu, Cherise, li dak iz-zmien kellha erba` (4) snin, li fil-hin kien qieghed izommilha idejha ghax kienu se jaqsmu triq traffikuza. Fil-pront gew avvicinati

"minn erba` (4), tlett irgiel u mara, minghajr ma qaluli li kienu Pulizija, la kienu liebsin ta` pulizija u rreagixxew b'mod goff, ippruvaw jitfghuni ghall-wicci mal-art. Ma kellmuni xejn. Inbuttawni minn dahri u bir-rankatura u bil-giri gew ghax fil-fatt anke nifishom kien maqtugh. Bdew jonfhu u ppruvaw jitfghuni ghall-wicci mal-art. Jien, ovvja, lanqas cans nahseb ma kelli. Jien kelli t-tifla f'idi, *hand in hand*, u x'hin hassejt l-inbuttatura, ovvja, ftaht saqajja l-quddiem biex ma naqax ghal-wicci u ovvjament biex nipprotegi lit-tifla milli tiehu xi tisbita mal-art. U jien, ovvja, dak il-hin lanqas naf kif irreagixxejt, pero ma rreagixxejtx tajjeb zgur."

"Xi haga normali din *reaction* ta` *split of a second* kienet. Imbghad qaluli;

"Ieqaf hemm, ieqaf hemm, ha nfittxulek!"

“Iva fittex kemm trid, ara ma twegghalix it-tifla”
Imbghad bdew gejjin il-Pulizija. Wara huma bdew ifehmuni li kienu Pulizija. Jien ghidtlu;
“Xogholok ghamlu kollu pero darb’ohra stajt tirrispettani naqra ghax jien tifla ta` tlett snin ghandi f’idi!”
“Xejn ma qaluli. Fil-bidu xejn ma qaluli. Fil-bidu ma qaluli xejn, *just* inbuttatura biex jitfghuni ghall-wicci mal-art.”

Illi, minn din ix-xhieda jirrizulta li hemm certu element ta` *self-defence* billi jirrizulta sodisfacentement illi l-imputat irreagixxa spontanjament ghall-attakk fuqu u fuq it-tifla ckejkna li huwa kellu f’idu minn erba` (4) min-nies, liebsin pajezana. Huwa rreagixxa hekk sabiex jipprotegi lilu nnifsu u lit-tifla. Jirrizulta, illi wara li gara dan, huwa kkopera ma din il-Pulizija ghaliex il-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova ta` dak li seta` gara wara dan l-incident.

Illi din ir-reazzjoni, sa certu punt, hija gustifikata izda, wara li wiehed jara l-fedina penali tal-imputat u l-kwalita` ta` hajja li kien qed jghix dak iz-zmien, huwa missu mill-ewwel irrealizza li dawn l-erba` (4) pajezana illi, dak in-nhar, avvicinawh kienu qiedghin jaqdu d-dmirijiet taghhom ta` kuljum u li kienu involuti f’xi operazzjoni investigattiva stante li l-incident gara gewwa Rahal Gdid fid-disgha ta` filghodu (09:00hrs) zgur lok u hin pubblici u frekwentati.

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti qiedghha tnaqqas il-piena li kienet se tinfliggi fuq l-imputat u ghaldaqstant tikkundannah erba` (4) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2) a tenur tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------